MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

12 ta' Lulju 2017

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI– Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd minn dawk li kellhom ikunu preżenti għall-laqgħa kien fil-ħin.

## 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

30.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji. Sospenzjoni sabiex jitkellem is-Sur Cordina biex jifraħ lil Onorevoli Robert Cutajar li laħaq bħala Kelliem Ewlieni għall-Partit Nazzjonalista fuq Kunsilli Lokali flok l-Onorevoli David Agius.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1 Il-minuti ġew approvati wara li nqraw bla korrezzjonijiet.

## 30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

30.3.1 Kommunikazzjoni mas -Sur Ray Zammit minħabba li qed ikun hawn ħafna għidut li i-Gwardjani Lokali qed jintbagħtu jagħtu ċ-ċitazzjonijiet mill-Kunsill Lokali meta dan mhux minnu. Il-Kunsill qed jibqa' jinsisti li jekk ikun hemm bżonn u f`toroq traffikużi biss, jintbagħtu il-Gwardjani u dan għall-Traffic Management biss.

30.3.2 Inċident li seħħ fi Ġnien il-Kunsill Lokali fejn resident partikolari u l-mara tiegħu ħargu għall-kuntrattur li kien qed jaħdem sabiex tiġi installat bandla għad-diżabli. Il-pulizija nfurmata b`dan il-każ u jekk hemm bżonn ser jittieħdu passi ulterjuri.

30.3.3 Is-seduta tal-PA, fuq il-permess għall-bini ta' villaġġ ieħor fil-konfini ta Ħ`Attard in-naħa ta` Triq Dun Mikiel Xerri. Il-Kunsill ressaq il-proposti tiegħu u ħa jibqa' jiġġieled għan-nom tar-residenti.

30.3.4 Laqgħa mal-Water Servies Corporation fuq is-servizzi tal-ilma, li ma jsirilhomx *reinstatement* kif suppost, li qatt ma nkunu infurmati bil-permessi tat-*trenching* għax is-sistema ma ttinix li narawhom u x-xogħol ad infinitum ta' Triq Santa Katerina li fih il-Kunsill għadu ma wasalx f`kompromess sa fejn ser jingħata wicc ġdid lit-triq

30.3.5 Talba mis-Summer Club tal-Parroċċa sabiex il-Kunsill jinvolvi ruħu fl-organiżazzjoni ta' din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li titħallas l-ispiża ta' xi strumenti mużikali/għalliema wara li l-istess ko-ordinaturi jissottomettu lista tal-ispejjeż.

30.3.6 Konferenzi Internazzjonali minn ANSEK. Is-Segretarju ġiet mitluba tiċċirkola din l-email lill-Kunsilliera sabiex jaraw jekk għandhomx interess fxi sezzjoni partikolari ta' dawn il-konferenzi. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi interessata fuq l-International Conference on Risk Management li ser isir f`Jannar 2018. Għalhekk talbet li jekk ikun xi spejjeż relatati ma' dan is-seminar dawn jiġu koperti mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jkopri din l-ispiża.

30.3.7 Emejl mingħand is-Sur Manwel Portelli sabiex il-Kunsill ikollu sehem fit-tqassim ta' biljetti lir-

residenti ta` Ħ`Attard. Il-Kunsill ma qabilx ma dan għax mhix prerogattiva li il-Kunsill jieħu sehem f`attivitajiet ta' dan il-ġeneru.

30.3.8 Emejl mingħand is-Sur Carmel Mifsud sabiex il-Kunsill bħas snin l-imgħoddija jieħu ħsieb l-attivita' għall-anzjani ta' Santa Katerina, Roseville u Monte Carmeli li ha issir nhar is-7 t` Awwissu. Il-Kunsill qabel li l-ispiza ma teċċeddix it-€300.

30.3.9 Nomina mill-ġdid ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill reġa ħatar lis-Sinjura Jeanette Galea sabiex tkopri din il-kariga.

30.3.10 Emejl mingħand is-Sur Dennis Francalanza rigward suġġeriment *The setting up of a monthly book review on Facebook*. Dan is-suġġeriment ma tantx jista' jiġi attwat minħabba id-diffikultajiet in se ta' min ha jagħmel ir-*reviews*. Is-Sur Francalanza għandu jigi nfurmat b'dan.

30.3.11 Emejl mingħand is-Sur Frans H. Said sabiex isir bank fil-pjazza ta' Triq l-Għenba fejn hemm il-Maltco. Din it-talba giet milqugħa.

30.3.12 Emejl mingħand il-WasteServ rigward il-European Week for Waste Reduction. Il-Kunsillieri għandhom jiġu bis-suġġerimenti sal-laqgħa li jmiss.

30.3.13 Emejl mingħand Ozone rigward free WIFI f`ħames siti. Il-Kunsill qabel li jsiru tnejn fejn il-flats tal-Gvern, wieħed Triq il-Katlan, wieħed Masġar Pierre Muscat u ieħor ħdejn Masgar Frans Dingli.

6.15pm - Is-Sur Alex Mangion ħalla l-kamra.

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

30.4.1 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq:

- It-tisqija - li din għandha issir iktar b`attenzjoni u mhux ftit ilma fil-wicc u daqshekk
- Reġa fakkar fuq it-tindif ta' Wied Rmiedi.
- Fi Triq il-Ġibba hemm ħajt ta' Villa meqlub.
- Is-siġar li jxeqilbu fuq il-bankina

30.4.2 Is-Sur John Debono saqsa fuq:

- It-tisqija ta' xtieli mill-ELC li mhux isir kif suppost. U li jekk hem xi mejtin jinbidlu. Is-Sinjura Scerri għandha tikkoordina mal-kuntrattur.
- Ir-*refreshing* tal-lines ta' Triq il-Ponzjetta li kienu *dotted* u nqatgħu u b`hekk intilfu xi parking bays. Is-Sur Cordina qal li l-parking bays huma biss indikatorji filwaqt li is-Sur Spiteri qal li setgħu kienu nfurmati dwar dawn u dan minħabba, kif kompla is-Sur Debono li ir-residenti jiftehmu kif jipparkjaw.
- Triq Dun Mikiel Xerri li attenda għall-laqgħa rigward l-applikazzjoni fejn fiha kien hemm is-Sur Joseph Gauci Policy Officer u s-Sur Johan Buttiegieg CEO. Dan tal-aħħar ressaq tlett proposti u għaddew. Fosthom kien hemm li l-wiesgħa tat-triq għandha tkun ta' 8 metri, il-biċċa ta' fuq tkun ta' 4 metri u bla parking. Għandha tiġi draftjata ittra biex tinbagħat lill-PA dwar dawn il-punti

30.4.3 Is-Sur Raymond Azzopardi irrimarka fuq:

- Arblu f`nofs il-bankina ta' Triq l-Imdina.

30.4.4 Is-Sur Ralph Cassar irrimarka fuq:

- Il-Kuncert Gloria li ha jsir nhar it-13 ta` Ottubru fis-7.15pm sabiex jinġab permess jekk jistax isir il-Knisja. Talab ukoll l-approvazzjoni sabiex jitqassmu l-inviti, jitħallas it-trasport minn u għall-lukanda u jsir reception. Kulħadd qabel.
- Il-pesticidi - li hu kontra tagħhom u li ħa jibqa' kontra sabiex jigi minimiżżat l-użu tagħhom.
- Il-Bike Ride mill-pjazza sal-Universita' u lura li ser isir fit-28 ta` Lulju fis-7.30pm. sabiex min hu interessat japplika online. Għandha tiġi iċċirkolati l-emejl lill-Kunsillera.
- Il-permess tal-barriera sabiex isiru l-emendi ġie irrifjutat.
- Il-bins ta' Eco Festa isiru bħas-soltu.
- Is-sinjal ta' Ġnien l-Istazzjon ġie sabiħ ħafna u irringrazzja lil min ħa ħsiebu.
- Il-bike racks - li hemm proposta sabiex dawn jinbidlu u sabiex il-Kunsill jiċċekkja x'inhi l-ispiza u xi skemi li jeżistu u jaqgħu taħt Bike Friendly.

30.4.5 Is-Sinjura Connie Scerri irrimarkat fuq:

- Seminar Skop li sar nhar is-16 u 17 ta` Ġunju u li fih ingħatat informazzjoni fuq ix-xogħlijiet li jistgħu ikunu t`għajnuna għall-komunita'.
- L-injam għall-iskips fi Pjazza Tumas Dingli
- Għadu ma sarx l-arblu tad-dawl fi Triq in-Nutar Zarb.
- Il-fjuri għall-festa ta' Santa Marija li l-Kunsill jagħmel ta' kull sena. L-ispiża m'għandhiex teċċedi l-€50

## 30.5 Rapporti

30.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 30.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Kwart tas-sena April-Ġunju 17

30.6.1 Approvat

## 30.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

30.7.1 Approvati.

## 30.8 Mozzjonijiet;

30.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 30.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

30.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.05pm u ġiet aġġornata għas-7 t`Awwissu 2017 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 7 t'Awwissu 2017.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |